MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Numru 19/2005

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar)
vs
Emanuel Sciberras, iben John,
imwieled il-Mellieħa fit-3 ta' settembru, 1955

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-kwalita' tiegħu personali u\jew fil-kwalita' tiegħu ta' direttur, proprjetarju u\jew amministratur tal-fond 'Christian Bar and Restaurant', Triq il-Marfa, Għadira, limiti tal-Mellieħa, bejn l-10 ta' settembru, 1998 u it-28 ta' awissu, 2004 b'diversi azzjonijiet magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi qarrieqa li bihom wieħed seta' kellu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' kurrent elettriku, ikkometta serq ta' kwntita' ta' elettriku li

jammonta għal tlett telef u erbgħa u ħamsin lira maltin (Lm3,054), liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bl-ammont għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanżi għamel ħsara fil-makkinarju u\jew fil-gumni ta’ l-elettriku u\jew ikkaġuna telf ta’ kurrent elettriku u għamel ħsara jew kisser xi parti mill-meter tal-elettriku u\jew is-siġilli tiegħu, u\jew xi parti minn xi apparat u\jew gumni użati fil-provvista ta’ l-elettriku jew is-siġilli tiegħu, u cioe’ arloġġ ta’ l-elettriku tal-għamla ‘Iskra’ li għandu n-numru tas-serje 18540286, liema ħsara ma tiskorriex il-ħamsa u sebgħin lira maltin (Lm75) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta’ mejju, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikolu 18, 261(b)(e)(f), 263, 267, 270, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali; u
b. fl-artikolu 18, 326(1)(f) u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ ġunju, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fit-28 ta’ awissu, 2004 impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta marru fir-restaurant hawn fuq imsemmi biex jagħmlu ‘surprise inspection’. Meta marru hemm sabu li l-meter tad-dawl kien imbagħbas. Dan kien meter ‘three phase’ u meta ġie spezzjonat l-espert tal-Qorti sab li fuq il-‘yellow phase’ ma kienx qed idur u meter infetaħ il-meter instab li l-lag tal-voltage kienet mibdula u mqabbda fuq il-plastic u b’hekk il-‘yellow’ ma kienx jimmarka.

Illi l-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta fuq l-iskorta ta' dan il-fatt għamlu stima tal-konsum li seta' ġie meħud illegalment u waslu għall-ammont ta' Lm3,054.

Illi l-imputat offra x-xhieda tiegħu u ċaħad li hu bagħbas dan il-meter tad-dawl u ma jafx kif seta' ġara dak li hemm fuq spjegat.

Illi l-imputat, permezz tal-avukat tiegħu, irrileva li l-istima li ġiet eżebita u li fuqha nħadem l-ammont ta' Lm3,054 mhiex ezatt għaliex il-perjodu komparat mhux l-istess u dan ir-restaurant kien ikollu inqas bejgħ fix-xitwa milli fis-sajf. L-istima ġiet maħduma bix-xhur tax-xitwa u dan ġie komparat max-xhur tas-sajf. Għalhekk, konsegwenza ta' dan il-metodu ta' kalkolu l-Korporazzjoni kienet qed tippretendi l-ammont ta' Lm3,054.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta mingħajr dubju li l-meter tad-dawl in kwistjoni ġie mbagħbas. Għalkemm, l-imputat ċaħad li hu wettaq dan it-tbagħbis l-oneru tal-prova hi fuqu u din il-Qorti mhiex tal-fehma li hu rnexxielu jelgħeb il-presunzjoni mposta mill-Liġi. Min-naħa l-oħra l-valutazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta hi eċċessiva u għalhekk din il-Qorti qed tistabillixxi li l-ammont ta' dawl li ġie misruq fil-valur ta' elf lira maltin (lm1,000). Jiġi rilevat li ma saret ebda prova dwar il-ħsara li saret fuq il-meter tad-dawl meritu ta' din il-kawża.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu fl-ammont ta' elf lira maltin (Lm1,000). Rat l-artikoli 18, 261(b)(e)(f), 263, 267, 270 u 278(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena ta' priġunerija iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas lill-Korporazzjoni Enemalta s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) fi żmien sitt xhur mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna

lill-imputat li jħallas is-somma ta’ tnejn u sebgħin lira maltin u sebgħa u ħamsin ċentesimu (Lm72.57) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ perit fl-atti ta’ din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------